MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 116/2010

**Joseph u Tedia Portelli**

**Vs**

**Fondazzjoni Belt Victoria**
**Monsinjur Guzeppi Farrugia (ID 16154G)**
**Antoine Vassallo (ID 3951G)**

Il-Qorti,

Illi din hija kawza ta' spoll privileggat.

Rat illi l-atturi ppremettew li huma proprjetarji tal-fond numru 3, Triq Monsinjur Guzeppi Farrugia, Rabat, Ghawdex li gie akkwistat minnhom permezz ta' kuntratt pubblikat fil-25 ta' Marzu 1994 min-Nutar Paul George Pisani. Spjegaw li dan il-fond huwa adjacenti ghas-sit proprjeta' tal-Fondazzjoni Belt Victoria li fih qed jigi

zviluppat il-Muzew ghall-Parrocca ta’ San Gorg. Sostnew li fil-fond taghhom fit-tielet sular ghandhom tieqa ta’ kamra tas-sodda li qed thares lejn in-naha tat-tramuntana u li taghti fuq is-sit li qed jigi zviluppat. Huma sostnew li din it-tieqa hija l-uniku sors ta’ dawl u ventilazzjoni ta’ din il-kamra tas-sodda u ilha miftuha ghall-ghexieren tas-snin tant li tissemma bhala servitu’ fil-kuntratt ta’ l-akkwist taghhom.

Illi l-atturi ppremettew li fl-20 ta’ Dicembru 2010, il-Fondazzjoni taht id-direzzjoni tal-Project Leader u l-koordinatur personalment jew permezz ta’ terzi fuq struzzjonijiet taghhom, ghalqu u imbararw bil-gebel din it-tieqa kif ukoll saqqfu l-bitha interna minn fejn din it-tieqa kienet tiehu l-arja u l-ventilazzjoni b’mod li inghalqu l-arja u l-ventilazzjoni, liema agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

Rat illi fir-risposta guramentata taghhom, il-konvenuti eccepew li :

(i) Reverendu Monsinjur Guzeppi Farrugia u Antoine Vassallo ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi l-bini qieghed isir mill-Fondazzjoni u mhux mill-konvenuti l-ohra personalment.

(ii) Fil-mertu eccepew li l-element tal-pusess ma jissusistix peress li l-apertura li kien hemm miftuha ghal fuq l-art jew spazju mhux mibni mhix servitu’ imma sofferenza prekarja sakemm l-art jew spazju ma kienux mibnija u l-Fondazzjoni kellha kull dritt li tibni u timmura l-apertura in kwistjoni. L-ezistenza tal-apertura ossia rewwieha li kien hemm fil-hajt divizorju fil-gholi taht is-saqaf ta’ wahda mill-kmamar tad-dar tal-atturi kienet hemm b’tolleranza u mhux b’xi dritt, u apertura simili ma tikkostitwixxix pussess tutelabbli bl-azzjoni ta’ spoll.

(iii) Sabiex l-atturi jirnexxu fl-azzjoni taghhom iridu jippruvaw mhux is-servitu’ *luminum,* izda s-servitu’ *ne luminibus officiatur* jew is-servitu’ l-ohra *altius non tollendi,* li la wahda u lanqas l-ohra m’huma f’posizzjoni li jippruvaw.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Lulju 2011 fejn id-difensuri tal-partijiet taw il-kunsens taghhom biex din is-sentenza tinghata llum fil-ferjat.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn huwa xieraq li wiehed iqis xi aspetti legali tal-azzjoni li l-qorti ghandha quddiemha;

Illi l-azzjoni mressqa mill-atturi hija wahda possessorja li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodici Civili, ghal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kawza ta’ spoll jehtieg li jigu ppruvati tliet (3) elementi:

1) Possedisse
2) Spoliatum Fuisse
3) Infra bimestre deduxisse

Illi fuq skorta ta’ gurisprudenza kostanti jirrizulta li ‘materja ta’ din l-azzjoni,ma taghtix lok ghall-ebda indagni ohra barra dik li tistabilixxi : (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll... .... ... stante li din l-indagni hija wahda limitatissima rigoruza u skarna[1]’.

Illi din  l-azzjoni ta’ spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta’ fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga’ jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss.

Illi dwar l-ewwel element, il-pussess li huwa mehtieg li jintwera li, filwaqt li sar l-eghmil ilmentat, l-attur kien fil-

---

[1] **Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone**, App. Civili deciza fid- 9 ta’ Marzu 1992

pussess imqar materjali ta' fatt. L-attur m'ghandux bzonn li jaghti prova li ghandu dritt ta' proprjeta jew servitu', jew titolu iehor fuq il-haga. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li huwa spoljat ghandu semplici detenzjoni ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun ekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt u mhux wiehed ta' mera tolleranza[2].

Illi dwar it-tieni element li jehtieg li jigi ppruvat fl-actio spolii, huwa li l-atturi effettivament gew spoljati mill-pussess taghhom. Irid jintwera li l-eghmil spoljattiv kien wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-eghmil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur mill-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess. Gie mfisser li l-kliem *vis aut clam* li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni mhux tabilfors jissarraf f'eghmil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur jew li fih huwa jgarrab xi hsara fizika, ghaliex huwa bizzejjed li l-eghmil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih[3].

Illi dwar it-tielet element, il-ligi tiddisponi li l-azzjoni trid tigi proposta entro t-terminu ta' xahrejn mill-att spoljattiv. Dan iz-zmien hu meqjus bhala terminu ta' dekadenza. Dan il-fatt ghandu jigi pruvat mill-attur. Izda meta l-konvenut jeccepixxi li l-kawza saret *fuori termine* allura l-prova li l-kawza saret barra minn zmienha taqa' fuq l-istess konvenut.

Illi *tornando* ghall kaz inkwistjoni, il-fatti saljenti huma s-segwenti:-

1. L-atturi xtraw il-fond nru 3, Triq Mons Guzeppi Farrugia, Rabat, Ghawdex fl-1994, f'liema kuntratt issemma li tezisti tieqa li tgawdi servitu' – *enjoying the servitude of an existing window overlying property of Emidio Azzopardi or his successors in title, namely on the northern side.*

---

[2] **Paul Carbonaro vs Norman Dimech**, Cit Nru 632/98RCP deciza fit-12 ta' Lulju 2001
[3] **Salvatore Grima et vs Emanuel Mallia**, Cit Nru 441/01JRM deciza fis-27 ta' Settembru 2002

2. Dan il-fond kien f'idejn il-familja ta' l-attrici b'titolu ta' kera ghal eghxieren ta' snin qabel ma' hija u zewgha xtraw il-fond.

3. Irrizulta mix-xhieda prodotti mill-atturi li l-apertura mertu tal-vertenza odjerna ilha miftuha fil-hajt divizorju ghal diversi snin, tant li hu l-attrici Lawrence Schembri li ghandu hamsa u sittin (65) sena u twieled f'dan il-fond xehed li din l-apertura dejjem kienet hemmhekk. Dan il-fatt mhux kontestat mill-konvenuti.

4. Illi l-Fondazzjoni Belt Victoria xtrat il-fond nru 8, Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex minghand Emidio Azzopardi b'kuntratt li sar fl-24 ta' April 1998 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani.

5. Illi mhux kontestat lanqas li l-apertura inkwistjoni giet imbarrata mill-gebel kif ukoll li ssaqfet il-bitha interna.

L-ewwel Eccezzjoni

Illi fl-ewwel lok jehtieg li tigi indirizzata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li Monsinjur Guzeppi Farrugia u Antoine Vassallo ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi l-bini qed isir mill-Fondazzjoni u mhux mill-konvenuti l-ohra personalment.

Illi l-atturi laqghu ghal tali eccezzjoni billi sostnew li azzjoni bhal din trid bilfors tigi esperita kontra kemm il-persuna guridika kif ukoll il-persuna fizika. L-atturi sostnew li dan hu dak li jigri meta ghandek socjeta' kummercjali u dan ir-ragunament ghandu japplika ghall-fondazzjonijiet.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Dimitry Orlov vs Edward Pavia pro et noe**[4] gie ritenut li s-sentenza fil-kawza "**Mizzi vs Schembri**" infatti ddikjarat biss illi s-socjeta', li giet identifikata bhala l-awtur tal-att spoljattiv turbattiv tal-pussess, kienet "azzjonabbli tramite d-direttur taghha". Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li din hija l-

[4] App Civ 651/96 deciza fl-14 ta' Frar 2002

kostatazzjoni korretta ghaliex is-socjeta' kummercjali li ghandha personalita' guridika distinta minn dik tal-azzjonisti u tad-diretturi taghha kellha tkun azzjonabbli u kellha tkun responsabbli bil-mezzi taghha ghall-agir illecitu minnha kompjut permezz tad-diretturi taghha li jirrapprezentawha. Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser illi l-awtur materjali tal-illecitu li effettivament jikkommetti l-azzjoni turbattiva tal-pussess ma kienx hu wkoll personalment azzjonabbli biex jirripristina l-molestja' li hu kien wettaq. Kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, l-*actio spolii* torigina *ex delicto* fuq fatt illecitu. Kull min jikkonkorri fil-kommissjoni tal-illecitu kien azzjonabbli u dana personalment. Kien ghalhekk illi s-socjeta' kienet azzjonabbli tramite d-diretturi taghha jekk jigi ritenut illi hi kienet konsapevoli ta' dak li kellu jsehh u li fil-fatt sehh u allura kienet konpartecipi fl-att delittwuz. Kien ukoll azzjonabbli min effettivament iwettaq l-illecitu li, fl-ahjar ipotesi ghalih, seta' biss jigi konsidrat bhala l-mandatarju li agixxa fl-interess tal-mandant espress jew tacitu li uzufruwixxa mill-att illecitu li ghalih l-istess mandatarju kellu jigi wkoll tenut personalment responsabbli. "L-azzjoni ta' spoll hija esperibbili kontra l-awtur tal-ispoll kif ukoll kontra l-komplici tieghu fosthom il-mandanti li jkunu inkarigawh" (Volum XXXII.i.451 ; Volum XXVIII.i.188 ; Volum XLI.ii.849).

Fil-kaz inkwistjoni jirrizulta li l-Fondazzjoni Belt Victoria ghandha personalita' guridika distinta u dan mill-istatut taghha li gie ezebit bhala Dok MS 1. Minn dan id-dokument jirrizulta li Mons Guzeppi Farrugia kien wiehed mill-fundaturi tal-Fondazzjoni. Minn Dok MS 2 jirrizulta wkoll li Antoine Vassallo deher fuq kuntratt ghan-nom u fl-interess tal-Fondazzjoni li permezz tieghu l-Fondazzjoni giet fdata bix-xogholijiet tal-bini tal-muzew. M'hemmx dubju li dawn iz-zewg konvenuti huma involuti f'din il-Fondazzjoni u fil-bini u zvilupp li qieghed isir u dan anki in vista tad-dokumenti ezebiti mill-istess atturi. B'danakollu dan ma jfissirx li l-atturi kellhom iharrkuhom fil-vesti personali taghhom specjalment meta ma tezisti l-ebda prova fl-atti processwali li xi wiehed minnhom jew it-tnejn li huma taw xi struzzjonijiet sabiex l-apertura tigi mbarrata u l-bitha tigi msaqqfa jew li ghamlu hekk huma

personalment. L-incident li fih il-Monsinjur qal lir-rikorrenti biex ma tiodholx fil-proprjeta' tal-Fondazzjoni mhiex prova konklussiva li huwa ta ordni biex l-apertura tigi mbarrata u l-bitha msaqqfa. F'nuqqas ta' prova ta' involviment personali ta' xi hadd minnhom jew tat-tnejn li huma dawn il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-Mertu

Illi gie eccepiet li l-atturi ma jistghux jirnexxu fl-azzjoni taghhom peress li m'ghandhomx pussess tutelabbli skont il-ligi. Dan peress li din l-apertura kienet sofferenza prekarja u allura kienet hemm b'tolleranza u mhux bi dritt u dan in vista wkoll li kienet miftuha fuq spazju mhux mibni. Is-sottomissjoni hija li din l-apertura kienet rewwieha u mhux tieqa u ghalhekk kellhom dritt jimbarrawha.

Illi dwar din l-eccezzjoni l-atturi ghamlu referenza ghal diversi sentenzi li kienu rritenew li f'azzjoni ta' spoll l-eccezzjoni ta' tolleranza hija legalment insostenibbli inkwantu kwistjoni ta' tolleranza m'ghandhiex normalment tigi ezaminata f'dan il-gudizzju sempliciment possessorju privileggjat[5].

Illi pero' ghalkemm il-konvenuti principalment ibbazaw ruhhom fuq is-sentenza fl-ismijiet '**Xuereb Montebello et vs Magri et**[6], jirrizulta li tezisti wkoll gurisprudenza recenti li eccezzjoni simili meta tinghata hija ammissibbli u ghandha tigi investigata. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Marianna sive Mary Anne Dean vs Joseph Abela'**[7] intqal illi 'jirrizulta illi l-principju stabbilit fil-gurisprudenza illi ghamlet referenza ghaliha l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jigifieri illi, ghall-finijiet ta' kawzi dwar spoll privileggjat, "... ma hemm[x] pussess tutelabbli fejn ...

[5] **Fenech et vs Bonanno et**, deciza fil-5 ta' Ottubru 1998; **George Falzon vs Joseph Camilleri et**, App Civ deciza fit-28 ta' Dicembru 2001.
[6] App Civ deciza fid-19 ta' Gunju 1953
[7] App Civ 930/2003 deciza fit-30 ta' Gunju 2004

hemm semplici tolleranza", ghadu validu. Dina l-Qorti taqbel ma' dan il-principju'[8].

Illi din il-qorti in vista tal-premess tqis ghalhekk li l-eccezzjoni imressqa mill-konvenuti hija wahda ammissibbli skont il-ligi.

Illi dwar il-kwistjoni odjerna rrizulta mill-atti u mill-access li saru fuq il-fondi mertu tal-vertenza odjerna li :-

i. L-gholi tat-tieqa, li tinsab f'kamra fit-tielet sular, huwa ta' tlieta u ghoxrin (23) pulzier u wiesgha dsatax-il (19) pulzier. Il-hogor tat-tieqa huwa wiesgha hdax-il (11) pulzier. Il-parti t'isfel ta' l-apertura hemm distanza ta' tnejn u tmenin u kwart (82¼) ta' pulzier bejn l-art tal-kamra u l-hogor tat-tieqa. Fit-tieqa hemm il-hadid u apertura ta' l-injam.

ii. Fl-istess kamra hemm sodda. Hemm ukoll bieb li jaghti ghal fuq il-bejt. Dan il-bieb nofs tal-injam u nofs l-iehor hu bil-hgieg u ghandu shutter tal-injam biex tinghalaq il-parti fejn hemm il-hgieg. Il-bieb hu gholi hamsa u sebghin u tlett kwarti (75¾) ta' pulzier u l-parti fejn hemm il-hgieg ghandha tul ta' tlieta u erbghin (43) pulzier.

Illi l-Fondazzjoni ssostni li din l-apertura kienet miftuha ghal fuq spazju miftuh, u cioe' mikxuf, bhal speci ta' terrazzin li kien parti mill-isqaq mikxuf li mit-triq kien jasal sad-dar li kellhom terzi. Inoltre' jargumentaw li d-daqs taghha u l-lok fejn tinsab ma jistghux jikkwalifawha bhala tieqa izda bhala rewwieha u ghalhekk ladarba din ir-rewwieha kienet hemm b'mera tolleranza l-element tal-pussess hu mankanti.

---

[8] Ara wkoll **John Mary Schembri et vs Dominic Borg,** Cit Nru: 1327/2003LFS deciza fis-16 ta' Jannar 2008

Illi fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet '**Angelo Micallef et vs Maria Antonia Farrugia et**'[9] intqal hekk:

"Huwa aktar il-kejl ta' apertura u l-gholi taghha fil-hajt li jiddetermina n-natura taghha peress li l-kejl ta' l-apertura jaghti indikazzjoni fir-rigward ta' l-iskop ta' l-apertura. Kif gie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 1950 fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Micallef vs Giuseppe Muscat**:

*'...l-aperturi fil-hitan divizorji jistghu jkunu jew dawk li komunement jissejhu twieqi ("luci") jew dawk li volgarment jissejhu rewwihat ("ventiere"). Generalment is-servizz taghhom jiddeterminahom imma ma hux dejjem facli li jinghad liema apertura tista' tigi kwalifikata bhala tieqa u liema rewwieha. Jekk pero' bniedem jipprocedi razzjonalment, jista' jinghad li jekk l-apertura tkun ta' daqs bizzejjed biex jidhol id-dawl minnha u sabiex iddawwal l-ambjent li ghalih taghti, u tkun qeghda f'certa altezza mal-pareti ta' l-istess ambjent, ghandha latitudni li tkun klassifikata tieqa li tissupponi l-prospett; mentri jekk id-dimensjonijiet taghha jkunu zghar hafna u f'posizzjonijiet fil-pareti fejn il-prospett huwa difficli u wisq malagevoli, generalment taqa' taht il-klassifika ta' rewwieha, li certament ma hijiex intiza ghall-prospett'".*

Ili fl-opinjoni ta' din il-qorti nonostante dak li sostnew il-konvenuti li din kienet rewwieha u mhux tieqa jinghad li ghalkemm id-daqs ta' l-istess apertura inkwistjoni mhux wiehed kbir izda lanqas mhu wiehed zghir hafna. F'certu kazijiet hemm linja ferm delikata bejn li apertura tissejjah tieqa jew rewwieha. Jinghad li f'dan il-kaz ghalkemm id-daqs ghandu jittiehed in konsiderazzjoni pero' mhux l-uniku fattur.

Illi jirrizulta li l-posizzjoni ta' l-istess apertura qeghda fil-gholi hafna mill-madum tal-art tal-kamra. Mhiex at *eye*

[9] App Civ 167/2000 deciza fit-3 ta' Frar 2009 – din ma kinitx kawza ta' spoll izda xorta wahda tista' ssib l-applikazzjoni taghha f'din il-kawza

*level* tant huwa hekk li t-tabib Michael Portelli, iben l-atturi, xehed li biex wiehed ikun jista' jhares minnha ghall-barra cioe' ghal gewwa l-isqaq trid titla' fuq siggu jew stool. Lawrence Schembri xehed li mill-apertura kienu jaraw l-arlogg tal-katidral.

Illi ghalkemm illum hija imbarrata m'hemmx dubju wkoll li li kien jidhol dawl minnha u li kienet iddawwal il-kamra. Din il-qorti mhix konvinta li jista' jinghad li hija l-uniku sors ta' dawl. Anzi rrizulta mill-access li fl-istess kamra hemm bieb tal-bejt (li minn dejjem kien hemm) u li llum ghandu parti sostanzjali minnu li hu bil-hgieg u allura anki jekk dan il-bieb jinzamm maghluq jekk tinfetah il-purtella, il-kamra tkun imdawwla. Dan il-bieb ilu hekk ghal diversi snin. Jinghad ukoll li ghalkemm l-atturi rreferew ghall-kamra bhala kamra tas-sodda fil-fatt hija aktar kamra tal-bejt anki jekk hemm sodda fiha.

Tqis li meta l-qorti accediet fuq il-post, nonostante li l-apertura hija imbarrata l-kamra *de quo* kienet imdawla proprju ghaliex kien hemm il-bieb miftuh. Ghalhekk dak li l-atturi qalu fil-premessa tar-rikors guramentat li 'din it-tieqa hija l-uniku sors ta' dawl u ventilazzjoni ta' din il-kamra tas-sodda' m'ghandhiex mill-veru. Pero' l-fatt li mhux l-uniku sors ta' dawl ghal kamra ma jfissirx li l-apertura inkwistjoni ma tistax tikkwalifika bhala tieqa.

Infatti fil-fehma ta' din il-qorti tenendo kont tad-daqs u tal-funzjoni li ddawwal il-kamra *de quo,* u dan apparti li sservi ghall-arja u ventilazzjoni ta' l-istess kamra s-sottomissjoni tal-konvenuti li l-apertura hija rewwieha mhiex korretta.

F'dan l-istadju jinghad ukoll li l-fatt li ssemmiet fil-kuntratt ta' akkwist tal-fond bhala tieqa li tgawdi servitu' ma tistax tghin lit-tezi attrici peress li f'dak il-kuntratt is-sid tal-fond li teoretikament kien gravat b'servitu' ma kienx parti f'dak il-kuntratt.

Jibqa' issa jigi kkunsidrat jekk din it-tieqa fil-hajt divizorju kinitx fuq spazju mhux mibni. Irrizulta bla ebda dubju mill-provi li t-tieqa kienet taghti ghal fuq spazju mhux mibni. It-tabib Michael Portelli u Lawrence Schembri xehdu u

rrepetew li din kienet taghti ghal fuq sqaq privat. Kienet biss ir-rikorrenti li kkoregithom fis-sens li din kienet taghti ghal fuq terrazzin ta' terzi. Dan l-ispazju llum inbena mill-Fondazzjoni. Ghalhekk ghandhom jsib l-applikazzjoni taghhom l-insenjamenti fis-sentenza fuq citata **Xuereb Montebello et vs Magri et** li saret ampja referenza ghaliha mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom senjatament li:

'Illi hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza maltija illi l-ezistenza ta' tieqa miftuha fil-fond proprju ghal fuq art jew spazju mhux mibni ta' haddiehor ma hix servitu'; imma sofferenza prekarja sakemm l-art jew spazju jibqghu mhux mibnija; u sid din l-art jew spazju jista' jibni u jimmura t-tieqa, ammenokke sid il-fond li fih hi miftuha t-tieqa ma jippruvax, mhux is-semplici servitu' 'luminum', imma jew is-servitu' 'ne luminibus officiatur' jew is-servitu' l-ohra 'altius non tollendi' (ara App **Perini vs Buttigieg',** 28 ta' Dicembru 1860; Appell **Barbara vs Falzon,** 28 ta' Novembru 1890; Prim Awla **Stivala vs Field,** 29 ta' Gunju 1938);

Fil-kaz prezenti, ebda prova ta' wahda minn dawn iz-zewg servitujiet ma giet maghmula mill-atturi. Anzi, jekk xi haga, l-att ezibit mill-atturi fol 101, jirreferixxi espressament ghal 'finestrella ad lumen';

Ghalhekk il-Qorti ghandha tinvesti l-pont jekk l-ezistenza b'tolleranza ta' tieqa simili tikkostitwixxix pussess tutelabbli bl-azzjoni ta' spoll'.
Il-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet li ma hemmx pussess tutelabbli fejn hemm semplici tolleranza.

Illi l-atturi odjerni ukoll bl-ebda mod ma ppruvaw is-servitu' *ne luminibus officiatur* jew is-servitu' l-ohra *altius non tollendi.*

Ghaldaqstant l-element tal-pussess ma giex pruvat u huwa mankanti u ghalhekk l-azzjoni ta' spoll ma tistax tirnexxi.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Monsinjur Guzeppi Farrugia u Antoine Vassallo billi tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra u tichad it-talbiet attrici.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------